**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru: 732/2018 AF**

**Rita Abela u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2023, tordna l-legittimazzjoni tal-atti lil Mariella Micallef Higgans wara l-mewt ta' Rita Abela**

**vs**

**Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia**

**Darren Bonavia**

**Marco Bonavia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Rita Abela, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti kienet tirrisjedi f'post Haz-Zabbar, ohtha Maria Rosaria *sive* Lucy kienet toqghod gewwa l-fond mertu tal-kawza u cioè l-fond li jgib in-numru 26 fi Triq San Porfirju, Zejtun.

L-esponenti kienet qalet lil ohtha li kienet riedet takkwista d-dar fejn huma kienu joqghodu meta huma telqu minn gewwa dan il-fond.

Ohtha kienet resqitha ma' zewgha certu Grezzju Bonavia u kien qalilha li huwa ried Lm8000 biex idawwrilha l-post fuqha u jbieghulha.

L-esponenti kienet bdiet thallas lil Grezzju Bonavia din is-somma ta' Lm8000 bil-mod billi ma kellhiex il-flus kollha f'salt mill-paga li kienet idahhal meta harget tahdem.

Fil-fatt l-esponenti hallset lil Grezzju Bonavia u lill-intimata din is-somma ta' Lm8000 f'somom ta' Lm6000 u dana fit-23 ta' Marzu 1992, is-somma ta' Lm500 nhar it-22 ta' Frar 1992, Lm500 fis-26 ta' Mejju 1993, is-somma ta' Lm500 fis-26 ta' Ottubru 1993, is-somma ta' Lm500 nhar it-30 ta' Marzu 1994, u dana sabiex hija takkwista l-fond u dan skond ma jirrizulta mill-iskritturi hawn annessi bhala Dokument RA1 sa RA5.

Ghadda z-zmien u l-esponenti baqghet tghix f'din id-dar bil-hsieb li hi kellha mohhha mistrieh li kienet akkwistat il-proprjetà fejn hija tghix, tant li ghamlet hafna xogholijiet fil-post u anki dahhlet id-dawl ghal rasha fil-fond.

Fil-fatt l-esponenti ilha tghix gewwa din ir-residenza u tiehu hsiebha bhala taghha dan iz-zmien kollu u cioè aktar minn 24 sena bit-tama li dan il-kuntratt xi darba kellu jsir.

Tul iz-zmien Grezzju Bonavia dejjem baqa' jwieghed lill-esponenti li ser jiffirmalha il-kuntratt ta' akkwist sabiex il-proprjetà ddur fuqha izda dan baqa' ma sarx, liema diskors sar anki quddiem l-intimata Lucy Bonavia li tigi oht l-esponenti.

Anki hut l-esponenti kienu jafu b'dan il-ftehim li kellha l-esponenti mal-intimat Grezzju Bonavia u cioè li kellu gialadarba jiret il-fond iddawwar il-post fuq l-esponenti, u fil-fatt lanqas biss hallset kera ghax il-post kien imhallas.

Wara li gie nieqes Grezzju Bonavia hutu stess qalulha li riedu jirrangaw biex dan il-post idur fuqha però sal-lum ghadu ma sar xejn.

Jirrizulta li dan il-fond kien fil-fatt ta' omm id-defunt Grezzju Bonavia, u hallietulu fil-wirt kif kien qalilha d-defunt Grezzju Bonavia, u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u jirrizulta mir-ricerki hawn annessi u esebiti bhala Dokument RA6.

L-esponenti kienet anki interpellat lill-intimat sabiex jersaq ghal kuntratt ta' kompravendita izda fil-mori gie nieqes, kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tieghu anness bhala Dokument RA7.

Dan l-agir tal-intimat ikkreja lill-esponenti danni ngenti billi spiccat minghajr titolu ta' proprjetà.

Il-proprjetà li suppost akkwsitat l-esponenti fil-fatt llum tiswa €160,000 kif jirrizulta mill-istima mahruga mill-perit Johann Farrugia, hawn annessa bhala Dokument RA8.

Ghalhekk din il-kawza giet istitwita kontra l-eredi tieghu uliedu u martu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli tad-danni minnhom kkagunati lill-attrici minhabba l-agir abbuziv u qarrieqi tad-defunt Grazio Bonavia li tieghu huma l-eredi.

2. Tillikwida d-danni minnhom ikkagunati lill-attrici okkorrendo jekk il-kaz permezz ta' perit u esperti nominandi.

3. Tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu l-attrici d-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Darren Bonavia u Marco Bonavia, li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok u preliminarjament jigi rilevat illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontradittturi fil-proceduri odjerni stante illi l-esponenti mhumiex l-eredi tad-defunt Grezzju Bonavia izda hija biss ommhom illi hija l-eredi universali tad-defunt Grezzju Bonavia u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan peress illi l-esponenti ma kkawzaw l-ebda danni lir-rikorrenti naxxenti minn xi allegatament promessa ta' bejgh ta' proprjetà. Dan ifisser illi l-allegat danni ma gewx ikkawzati mill-esponenti jew minn xi agir minnhom maghmula.

Inoltre l-esponenti jirrilevaw illi mhuwiex minnu illi Grezzju Bonavia ikkrea danni ngenti lir-rikorrenti stante illi l-istess rikorrenti gawdiet il-fond in kwistjoni u uzat l-istess fond u dan nonostante illi ma kellha l-ebda titolu fuq l-istess fond fuq ammissjoni tar-rikorrenti stess. Fil-fatt, is-somom minnha mhallsa huma biss flus imhallsa bhala kirjiet tul il-perjodu illi kienet u ghadha qed tghix fil-fond in kwistjoni.

Di più l-esponenti jirrilevaw wkoll illi mhuwiex minnu illi d-defunt Grezzju Bonavia kkaguna xi danni sforz l-agir abbuziv u qarrieqi tieghu.

Ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-esponenti.

Apparti minn hekk l-allegati danni hekk kif mitluba mir-rikorrenti jridu jigu ppruvati minnha sal-grad rikjest tal-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegati danni u l-esponenti. L-esponenti isibuha ferm difficli jifhmu x'tip ta' danni r-rikorrenti qeghda tallega u taht liema kappa.

Finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrilevaw wkoll illi huma ma jistghux jigu kkundannati sabiex solidament, mal-konvenuti l-ohra, jhallsu ghad-danni allegatament imwettqa, stante illi kif stipulat fl-Artikolu 1089 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandux ikun hemm responsabbilità solidali jekk ma hemmx ftehim jew disposizzjoni tal-ligi. L-esponenti jirrilevaw illi fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-kontendenti u ghalhekk ma hemm l-ebda solidarjetà bejn l-intimati peress illi din la giet miftehma u lanqas ma hija dikjarata mill-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia, li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-esponenti tirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan peress illi l-esponenti ma kkawzaw l-ebda danni lir-rikorrenti naxxenti minn xi allegatament promessa ta' bejgh ta' proprjetà. Dan ifisser illi l-allegat danni ma gewx ikkawzati mill-esponenti jew minn xi agir minnhom maghmula.

Inoltre l-esponenti tirrileva illi mhuwiex minnu illi Grezzju Bonavia ikkrea danni ngenti lir-rikorrenti stante illi l-istess rikorrenti gawdiet il-fond in kwistjoni u uzat l-istess fond u dan nonostante illi ma kellha l-ebda titolu fuq l-istess fond fuq ammissjoni tar-rikorrenti stess. Fil-fatt, is-somom minnha mhallsa huma biss flus imhallsa bhala kirjiet tul il-perjodu illi kienet u ghadha qed tghix fil-fond in kwistjoni.

Di più l-esponenti tirrileva wkoll illi mhuwiex minnu illi d-defunt Grezzju Bonavia kkaguna xi danni sforz l-agir abbuziv u qarrieqi tieghu.

Ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-esponenti.

Apparti minn hekk l-allegati danni hekk kif mitluba mir-rikorrenti jridu jigu ppruvati minnha sal-grad rikjest tal-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegati danni u l-esponenti. L-esponenti isibuha ferm difficli jifhmu x'tip ta' danni r-rikorrenti qeghda tallega u taht liema kappa.

Finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrileva wkoll illi hija ma tistax tigi kkundannata sabiex solidament, mal-konvenuti l-ohra, thallas ghad-danni allegatament imwettqa, stante illi kif stipulat fl-Artikolu 1089 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandux ikun hemm responsabbilità solidali jekk ma hemmx ftehim jew disposizzjoni tal-ligi. L-esponenti tirrileva illi fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-kontendenti u ghalhekk ma hemm l-ebda solidarjetà bejn l-intimati peress illi din la giet miftehma u lanqas ma hija dikjarata mill-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll illi kontestwalment mar-risposta ġuramentata, Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia ressqet kontro-talba, li permezz tagħha ġie premess illi:

Ir-rikorrenti Mary Rosaria Bonavia hija l-eredi tar-ragel defunt taghha Grezzju Bonavia u ghalhekk hija l-proprjetarja tal-fond bin-numru 26 fi Triq San Porfilju, Zejtun.

Rita Abela qeghda tokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi u dan anke kif minnha ammess fir-rikors guramentat minnha pprezentat li jgib in-numru 732/2018 AF.

Nonostante ciò, Rita Abela ghadha sal-lum il-gurnata ma rritornax ic-cwievet tal-fond lir-rikorrenti, u ghalhekk il-pussess

battal tieghu u dan minkejja d-diversi interpellanzi sabiex tivvaka mill-istess fond.

Rita Abela m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponenti qeghda kontestwalment tesebixxi dikjarazzjoni guramentata taghha ai fini tal-istess Artikolu fejn qed tiddikjara illi dawn il-fatti tafhom personalment, *di xienza propia* (Dok. A).

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12.

2. Tordna lil Rita Abela sabiex fi zmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti joghgboha tipprefiggi, jizgombra mill-fond bl-indirizz bin-numru 26 fi Triq San Porfilju, gewwa z-Zejtun u dan prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, inkluz dikjarazzjoni li Rita Abela qeghda tokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Rita Abela għal kontro-talba, permezz ta' liema hija eċċepiet illi:

Il-kontro-talba hija irrita u nulla stante li sabiex ikun hemm kontro-talba din trid tkun konnessa mat-talba xi haga li fil-kaz de quo in-ness ma jezistix.

Il-procedura ta' giljottina ai termini tal-Artikolu 167 – 170 tal-Kapitolu 12 ma tistax tintlaqa' ghax il-procedura tal-giljottina ,a gietx segwita kif tesigi l-ligi u dana ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi din hija procedura draconica u lanqas biss gie rispettat il-mod formali kif ghandu jigi prezentat l-att u skond il-ligi;

(ii) Illi lanqas ma hemm prova tat-titolu tal-konvenuta rikonvenzjonata;
(iii) Lanqas ingiebet il-prova li l-konvenuta rikonvenzjonata hija l-werrieta tad-defunt Grezzju Bonavia.

Dwar it-tieni talba, din ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Skond il-premessi fir-risposta mahlufa li pprezentat il-konvenuta rikonvenzjonata u uliedha fl-atti ta' din il-kawza huma qeghdin jallegaw li hemm kirja u li l-flus li d-defunt Grezzju Bonavia ha minghand l-attrici rikonvenzjonata ma kienux prezz tal-bejgh izda allegatament prezz ta' kirja; u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tisma' kwistjonijiet relatati ma' kera.

(ii) Il-konvenuta rikonvenzjonata ma hijiex effettivament is-sid tal-fond in kwistjoni ghax dan il-wirt ghadu ma nqasamx bejn l-ahwa Bonavia u ghalhekk ma ghandhiex il-locus standi biex tressaq din it-talba.

Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli mil-ligi.

Rat illi b'digriet tal-24 t'Ottubru 2023 il-Qorti ordnat il-leġittimazzjoni tal-atti f'isem Mariella Micallef Higgins *qua* eredi universali tar-rikorrenti li mietet fil-mori tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta sottomissjonijiet rispettivi.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' danni *ex delicto* ibbażata fuq allegata inadempjenza da parti tad-defunt Grezzju Bonavia meta dan naqas milli jdawwar favur ir-rikorrenti

proprjetà li rċieva b'wirt. Ir-rikorrenti qiegħda għalhekk titlob illi l-proprjetà in kwistjoni ddur fuqha alternattivament tippretendi li tiġi kumpensata b'somma flus ekwivalenti għall-valur tad-dar. L-intimati li huma mart u ulied Grezzju Bonavia ressqu diversi eċċezzjonijiet *sia* preliminari kif ukoll fil-mertu. Fl-ewwel lok l-intimati aħwa Bonavia eċċepew illi mhumiex leġittimi kuntradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti stante illi l-uniku eredi ta' Grezzju Bonavia hija martu *ossia* l-intimata Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia. Talbu għalhekk illi jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu essenzjalment eċċepew illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Preliminarjament ġie eċċepit illi l-intimati aħwa Bonavia mhumiex il-leġittimi kuntraditturi għat-talbiet tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward in-Nutar Vanessa Pool xehdet illi ai termini ta' testament tat-18 t'Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro, Grezzju Bonavia nnomina lill-intimata martu bħala eredi universali tiegħu. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati aħwa Bonavia hija mistħoqqa u fid-dawl ta' dan, waqt illi tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati aħwa Bonavia.

Mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti hija oħt l-intimata Mary Rosaria sive Lucy Bonavia. L-intimata u l-familja tagħha kienu jgħixu fil-fond numru 26, Triq San Porfilju, Żejtun. F'xi żmien l-intimata u żewġha għażlu li jmorru jirrisjedu ġewwa proprjetà differenti u f'dak il-punt ir-rikorrenti esprimiet ix-xewqa li tidħol tgħix hi fil-proprjetà fejn kienu jgħixu oħtha u l-familja tagħha. Ir-rikorrenti tgħid illi tkellmet ma' Grezzju Bonavia u talbitu jdawwar il-fond fuq isimha. F'dak iż-żmien però ma kienx possibbli li l-proprjetà ddur fuq ir-rikorrenti peress illi l-fond kien għadu proprjetà t'omm Grezzju Bonavia. Hija xehdet li meta mietet omm Grezzju Bonavia kompliet tinsisti miegħu biex idawwar il-post fuqha biss xorta ma setax jagħmel dan peress li sal-lum ma ntlaħaqx qbil bejn l-aħwa dwar il-qsim tal-wirt tal-omm. Għalhekk, għad illi jirriżulta li skont testment tad-9 ta' Awwissu 1971 fl-atti tan-Nutar Robert Girard, skont testament ieħor tal-21 ta' Jannar 1981 fl-atti tan-Nutar Francis Xavier Dingli u skont testament ieħor tat-18 t'Awwissu 1997 fl-atti tan-Nutar Christopher Gatt,

Grezzju Bonavia wiret il-proprjetà mingħand ommu, la għadha saret il-qasma tal-wirt u wisq inqas l-immissjoni fil-pussess.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti ħallset lil Grezzju Bonavia is-somma ta' Lm8,000 u ta' dan ingħatat lilha d-debita riċevuta. Waqt li r-rikorrenti tisħaq illi dan il-ħlas sar għall-akkwist tal-proprjetà, l-intimati jinsitstu li effettivament dan il-ħlas kien għall-kera tal-post li fih ir-rikorrenti għexet għal madwar 25 sena. Mir-riċevuti rilaxxjati minn Grezzju Bonavia ma tirriżultax ir-raguni tal-hlas.

L-intimata ssollevat diversi eċċezzjonijiet fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha. Hija ġurisprdenza paċifika dik illi tgħid illi eċċezzjonijiet li jiġu sollevati fin-nota ta' sottomissjonijiet finali m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti stante illi din hija meqjusa mossa żleali ntiża biss li tpoġġi fi żvantaġġ lill-parti l-ohra.

Ferm il-premess, in kwantu l-eċċezjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, waqt li din ġiet sollevata esklussivament fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, il-Qorti sejra tittratta din l-eċċezzjoni brevement tenut kont tal-fatt li trattandosi ta' kwistjoni t'ordni pubbliku din l-eċċezzjoni hija sollevabbli f'kull stadju tal-proċeduri inkluż ukoll mill-Qorti ex officio fl-istadju tas-sentenza. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni m'għandha ebda fondament tenut kont tal-fatt li l-fond mertu ta' din il-vertenza għadu m'għaddiex f'idejn l-intimata Bonavia u allura la darba l-fond għadu m'għaddiex għandha żgur li din mhix f'pożizzjoni li tgħaddi l-fond favur ir-rikorrenti. Tqis għalhekk illi l-perjodu ta' preskrizzjoni ma bediex jiddekkorri u għaldaqstant l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-fatti li jsawwru din il-kawża huma pjuttost sempliċi. Ir-rikorrenti ħallset is-somma ta' Lm8,000 lil Grezzju Bonavia bl-intendiment li dan idawwar favur tagħha l-fond *ossia* dar fl-indirizz numru 26, Triq San Porfilju, Żejtun. L-iskop tar-rikorrenti huwa ċar tant li rrepetiet dan id-diskors lil diversi persuni li ressqithom ukoll sabiex jixhdu f'dawn il-proċeduri. Madankollu, dawn ix-xhieda ma tantx tista' l-Qorti tistrih fuqhom għaliex dak li jafu ma jafuhx *di scienza* propria għaliex kienu nvoluti f'xi diskussjonijiet jew negozjati li seta' kien hemm bejn Grezzju

Bonavia u r-rikorrenti. Ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti xehdu, anzi rrepetew biss dak kollu li kienet tgħidilhom ir-rikorrenti.

Minn banda hemm it-teżi tar-rikorrenti li t-tminn t'elef minnha mħallsa kienu għall-akkwist tal-proprjetà. Mill-banda l-oħra hemm it-teżi tal-intimati li l-flus li ħallset ir-rikorrenti tħallsu *qua* kera għall-post li fih kienet tirrisjedi r-rikorrenti. Għall-Qorti din it-teżi hija inversomili għaliex li kieku il-ħlas kien *qua* kera ma jagħmilx sens li s-somma tħallset in kwantu għal Lm6,000 f'salt u l-bqija permezz ta' erba' pagamenti kull wieħed fl-ammont ta' Lm500. Li kieku tassew kien ħlas għall-kera il-ħlas kien ikompli għat-tul ta' żmien kollu li r-rikorrenti damet tgħix fil-proprjetà u aktarx li kien isir b'mod rateali.

L-atti ma jħallux ombra ta' dubju li r-rikorrenti ma ħaditx ħsieb tikkawtela ruħha adegwatament. Kienet x'kienet l-intenzjoni tagħha ċertament illi ma kienx suffiċjenti li tħallas somma flus mingħajr ma mqar tara li jkollha att adegwat li jkopriha. F'dan il-każ lanqas imqar ġie ffirmat konvenju. Għalhekk dak li jirriżulta mill-atti huwa li r-rikorrenti ħallset lil Grezzju Bonavia somma flus importanti f'mument fejn ċertament illi, kienet x'kienet l-intenzjoni, Grezzju Bonavia ma kienx f'posizzjoni li jittrasferixxi l-proprjetà favur ir-rikorrenti għaliex il-proprjetà qatt ma ġiet f'idejh. Kien x'kien dak li jgħid it-testment t'omm Grezzju Bonavia, sal-lum dak il-wirt għadu ma nqasamx u għalhekk żgur illi Grezzju Bonavia qatt ma seta' jinnegozja dwar proprjetà li mhijiex tiegħu. Għalkemm ma jirriżultax ippruvat li l-ħlas li sar mir-rikorrenti kien għall-kera tal-post, lanqas ma jista' jingħad b'ċertezza li Grezzju Bonavia qarraq bir-rikorrenti. Li hu ċert huwa li l-affarijiet ma sarux sewwa u ta' dan sfortunatament ser ikollha ġġorr il-konsegwenzi r-rikorrenti li m'għarfitx tikkawtela d-drittijiet tagħha.

Il-Qorti tqis għalhekk illi l-pretensjoni tar-rikorrenti ma ġietx ippruvta fil-grad li trid il-liġi bil-konsegwenza li l-Qorti qegħda tqis it-talbiet tagħha bħala mhux mistħoqqa.

In kwantu għall-kontro-talba mressqa mill-intimata Bonavia, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok jew loġika għaliex ir-rikorrenti jew l-aventi kawża tagħhom għandhom jibqgħu fil-

pussess tal-proprjetà u għalhekk għandhom minnufih jirritornaw lura l-fond bil-pusses battal.

Għalhekk u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Darren u Marco aħwa Bonavia u waqt illi tiddikjara li mhumiex leġittimi kuntradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-intimati Darren u Marco aħwa Bonavia.

3. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia.

4. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati minn Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia.

5. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti *in toto*.

6. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonata.

7. Tilqa' l-kontro-talba tar-rikonvenzjonanti Mary Rosaria *sive* Lucy Bonavia u tordna lill-aventi *causa* tar-rikorrenti sabiex jiżgombraw mill-proprjetà fl-indirizz numru 26, Triq San Porfirju, Żejtun, fi żmen tlett xhur minn dak inhar illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu kollha mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP REG